# ŻIEDA TA' KLIEM U TIFSIR

Ta' V. MIFSUD BONNICI

(*miġjub minn* Ġ. CASSAR PULLICINO)

(Jaqbad ma' *Leħen il-Malti*, Għadd 6)

## N

NAFFARA – Tiġieġa.

NAĠHAĠ TAL-BAHAR – Il-mewġ bir-ragħwa ta' mita l-baħar ikum imċaqlaq.

NAGHAT, JINGHAT – Kiel u staħja, kiel u twieta; kiel ħwejjeġ li jtuqu; *nutrirsi, to take nourishment.*

NAHLA – Xi ħaġa li tnaqqas is-siwi tal-blat għax-xogħol. Ikun blat artab u mkeskes jew ikkusksat, donnu "trab u naħal". *Noħħala, Tinħila, Noħħala.*

NAMAR – Ġegħil, kmand. "Kelmiet Alla namru", *la parola di Dio è un decreto;* "in-namar t'Alla jbażża'", "beraq biz-zliezel, theżiż l-art ikexkex lill-bniedem"; *Namar t'Alla – act of God,* e.g. "kull ħsara titħallas fi ħwejjeġ in-nies, ħlief jekk tiġi bin-namar t'Alla".

NAQLA – Biċċa għodda żgħira magħmula bħal barraxa biex biha jħammlu s-sikka tal-moħriet; għatla; tkun imwaħħla fit-tarf mnejn taqbad tal-iskuljata.

NAR – *Bħan-nar max-xemgħa,* ħsiebek f'dak li jkun li ma terħih xejn. "Trid toqgħod miegħu bħan-nar max-xemgħa".

NASBA – Erba' bċejjeċ kbar tal-ġebel mgħaqqdin flimkien u mqegħdin fuq l-erba' posti tal-mitħna tal-miexi.

NEHHA – Biegħ jew ħeles minn xi ħaġa, *to dispose of.* "Neħħejtu ż-żiemel".

NEJJEM, INEJJEM – Nam, inum sikwit; raqad, jorqod sikwit.

NEMER – Dbiba mill-ħorox, tigra.

NEWBA – Serħ fir-raba', bħal sodda mhejjija għal uċuħ oħra. Mita r-raba' jkun jistrieħ igħidu jkun fih in-newba... "In-newba tal-ilma mix-xahar tar-Rużarju sa joħroġ Frar, l-aqwa Marzu".

NEWL IN-NHAR – Il-qafas imwaqqaf, f'xi għid, u armat bi rdieden, gassi-jiet, bombi, għejun l-ilma (fontani), trikitrakki, u ħwejjeġ oħra hekk tal-logħob tan-nar, ġogdifogu.

NFORR – Qliegħ tal-blat li minn taħt fih qiegħ; blat merfugħ bil-fieragħ minn taħt, minn dak li jinfed l-ilma ġieri taħtu. "Mita jidħol l-ilma taħt l-inforr is-sriep u l-gremxul u d-dbieb li jgħixu ġol-art u l-ħitan imutu". Tfisser ukoll sħab oħxon tax-xita, tiela' bċejjeċ bċejjeċ fuq xulxin; "xita jkollna, ara kemm inforr tiela'".

NGHAQAD – Ġabar saħħtu. "Tajt is-salt għall-fargħuna u hi ngħaqdet tiġri bħal balla".

NGHAT, JINGHAT – Tieħu l-mogħtija, ixxarrab b'xi ikel jew b'xi ħaġa wtieqa. "Għadni ma ngħattx dal-ħin".

NGOĊĊA – Għamel floku t-tmun "ingoċċa t-tmun".

NGROPPA – Kelma tal-bennejja; id-dawra ta' fuq tal-ħnejja.

NHEJA, JINHEJA – Ha r-ruħ; ħa bħal kieku l-ħajja; *sentirsi ristorato, ripigliar conforto; to feel oneself relieved.* "Xarrabt wiċċi daqsxejn inħjejt".

NIFFIEDA – Baljuletta.

NIFS – *Bin-nifs,* bid-dejn li jitħallas ftit ftit. *Nifs tas-siġar,* dik ir-riħa li jarmu s-siġar binhar li ssaħħaħ il-pulmun tal-bniedem u tqawwieh; ossiġenu; *oxygen.* "Il-bniedem jistaħja bin-nifs tas-siġar".

NIŻŻEL – Emmen. "Din ma nniżilhiex". NIŻŻEL (qawl tan-nies tar-raba') għaddas b'sebgħu l-ġennien iz-zokk tax-xtieli biex idaħħal il-għeruq 'il ġewwa. "La jgħaddi barra Jannar nibdew inniżżlu l-art – tuffieħ, t'Adam, ħjar, brinġiel, bżar, krafes, tursin, qara' twil, zfunnarija, ful, kaboċċi, ġidra".

NIŻŻLA – Minn ħlief *gniżżla,* baqra għamlet darba, għadha tal-ewwel, ma għamletx ħafna għalel.

NKEDD, JINKEDD – Tħakkeku tgħarraq, "iċ-ċraret huma xoqqa li tinkedd sakemm tiqdiem"; tmasħan ġo fih, "Inti taħseb xejn, għax tinkedd?"

NOFHIJA – Qolla ċkejkna bla widnejn bix-xufftejn imxaqilbin iktar minn tal-qolla.

NOGHRA – Bħal skalora iktar irqiqa; taħsir fil-qamħ "il-qamħ tħassar bin-nogħra".

NOHHALA – Blata jew ġebla mnaħħla, jiġifieri li ma tinħademx għax tkun biċċa minnha ratba u mkesksa jew ikkusksata donnha noħħala; tkun

tal-qawwi jew tas-sekonda.

NOŻŻLI – Qxur tal-ġellewż, lewż, ġewż, għal biex jaħmu bih il-forn.

NTENA, NINTENA – Tgħawweġ, jitgħawweġ bħalkieku tnejn. "Ntena fuq ix-xogħol", qiegħed fuq ix-xogħol bla heda, "baqa' jaħdem barra mill-ħin".

NŻIEFET, TINŻIEF – Igħiduha għax-xita, *nżiefet* jew *żiefet*, sħat, ħdiet, rħiet nitfa, m'għadhiex nieżla.

## O

OFFNA, JOFFNA – Heda, jehda. "B'uġiegħ ta' ras tgħajjat ma toffna xejn".

OFFU – Kotra, mnejn, abbundanza. *Bl-offu,* fagun, bir-rfus; *ta' offu,* li għandhom mnejn jarmu.

OMM – *Fuq Ommu,* mnejn nibet l-ewwel, fejn kien qabel, għal dak ir-riħ li jaħkem l-iktar, "ir-riħ raġa' għal fuq ommu"; *minn fuq ommu* mill-ewwel xiri; e.g. "bħal issa z-zokkor minn fuq ommu jinxtara"; *minn fuq ommu* – mill-vina l-kbira, mill-miġra l-kbira, mill-katusa l-kbira (ilma, gass, dawl elettriku minn fuq ommu – *from the main*).

OZZOT – flok *Qozzot,* i.e. Bu għalik! "Ozzot għalik, Jannar!" fil-ħrafa.

## P

PAJŻAN – il-pajżan bagħal tal-mirli u jsir xurraf.

PALA – Tiswa għal bosta snajja'. Il-fumara jdaħħlu u joħorġu l-ħobż biha; in-najjara jimpalaw il-faħam biha; li jsewwu t-toroq ixerrdu ż-żrar biex jagħtu l-lant biha; in-nies tar-raba' tlewwaħ il-qamħ biha.

PALATA – erbat iqjiem (ta' kannizzata tas-sajd). "Is-sufri jkunu sittin palata bgħid minn xulxin".

PANNELLA – biċċa mix-xedd, dik li tkun qiegħda fuq l-utajjet taħt il-berdgħa. Pannelli tnejn ikunu.

PANTÒ – biċċa aktarx skuntrata mad-dawra ta' dublett miġmugħa u tperper; *flying trim.*

PARTIKETTA, PERTIKETTA – iċ-ċinta ta' fuq tal-bastiment qisha l-falka tad-dgħajsa; *bulwark.*

PARUN – Biċċa tal-flus imħabbta, muniti akbar mid-dubluni, kull wieħed igħidu daqs nagħla ta' żiemel. Igħidu kien għamilhom il-Konti Ruġġieru.

PASSETTA – sitt soldi (tal-Għarb).

PASTUR – biċċa minn saqajn iż-żiemel; "il-pasturi ta' dak iż-żiemel reqdin mal-art".

PAXXIMENT – ġonta miżjuda f'dgħajsa.

PAXXMA – (fil-ktir *paxxmi*) – trinka jew taħfira bil-furmatur. Qawl tal-mastrudaxxi tad-darsnal.

PENZU – borġ ġebel magħmul b'għeliem ta' xi ħaġa; pilastru.

PERĊA – biċċa li jperrċu l-ħwejjeġ fuqha.

PEXPUX – bħal ħaġa daqs nitfa; qisu pespus. "Pexpux ta' klamar; pxiepex tal-klamari".

PIKA – għamil ta' min jisbqek irid jew igħaddik f'xi ħaġa, "bil-pika ta' xulxin; daħħalna fil-pika; illum l-impika kibret".

PIROĊĊ – ċomb (megħmil); "jaqa' piroċċ".

PITTMA – bniedem li jdejjaq.

PLAMA – ingwanta tal-ġild biex jaqbdu x-xewk biha.

PLEJTU – fatta ta' storbju.

POSTA (posti jew *posot*) – waħda minn dawk l-erba' ġebliet li fuqhom hi mqiegħda l-mitħna tal-miexi. Fuq l-erba' posti toqgħod *in-nasba*. Tfisser ukoll bejta, "hemm ħafna posot tal-għasafar", biċċa baħar tajba għas-sajd, harġa baħar magħlufa għall-ħut, "għalift kemm-il posta imma qajla messni ħut".

PREXXA – fetħa kbira fil-ħajt, selħa kbira; *breccia nel muro*.

PUNTAL (*puntali* jew *pnietel*) – travu li jwieżen jew jilqa' bini, mriekeb u x'naf jien.

PURĊILLANA – skutella.

PURPAJN – tirqid tad-dwieli jew żarġun għat-traqqid tad-dwieli.